# MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar 2016

Talba Numru: 925/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 7

**Ballut Blocks Services Limited**
**C-8360**

**Vs**

**Boarding School (Malta) Limited**
**C-22600**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' tlett' elef mija u għoxrin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€3,120.98), rappreżentanti bilanċ dovut mis-soċjeta` konvenuta lis-socjeta` attriċi għal bricks, T-Beams u materjal tal-bini mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta` konvenuta fuq inkarigu tagħha.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis- soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' tlett' elef mija u għoxrin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€3,120.98), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Awwissu 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata u tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi, huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H.Vella**
**Ġudikatur**